*Fit-Tribunal Industrijali*

*Fil-Kwistjoni tax-Xoghol*

*bejn:*

*Roderick Borg*

*u*

*Hospitality Services Co Ltd dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hija ngusta.*

*Decizjoni numru 2128*

*Kaz Nru 2537/JB*

*Illum 17 ta' Frar 2012.*

*Chairman Avv Dr Joseph P Bonnici*

## Introduzzjoni

Illi l-appellant talab lil dan it-Tribunal jiddikjara li t-tkeccija tieghu minn mas-socjeta' intimata ma saritx ghal raguni ta' dixxiplina u ma kenitx wahda gusta.

Illi s-socjeta intimata allegat li l-impjieg gie terminat fil-perjodu tal-probation, u in oltre l-impjieg gie terminat minhabba raguni ta' insubordinazzjoni u aggressjoni verbali.

## Provi

Illi l-appellant xehed li kellu nuqqas ta' qbil verbali ma' superjur tieghu dwar fejn u min kellu jimbotta garbage container.

Is-socjeta' intimata pproduciet lil *Human Resources Manager - Cristina Galea*. Din ma kenitx prezenti ghal kaz. Pero' investigat il-kaz, kellmet lil partijiet individwalment u gie deciz li l-impjieg jigi terminat.

Xehed ukoll *Antoine Bonello – Chief Steward* mas-socjeta' intimata. Kienet il-persuna li l-appellant kellu d-diverbju mieghu. Irrakkonta li l-kaz gie krejat inutilment u kif l-appellant irreagixxa mieghu b' mod aggressiv.

## Konsiderazzjonijiet

Illi jirrizulta li l-appellant jammetti li kellu l- incident ma' superjuri tieghu. Pero' jikkontesta l-gravita' tieghu li wassal ghat-tkeccija mill-impjieg. Gie ritenum 'as nausean' minn dan it-Tribunal li l-impjegat irid jibza' ghal impjieg tieghu filwaqt li l-principal irid jibza ghall-impjegati tieghu.

Huwa interess reciproku li jagevola iz-zewg partijiet. Terminazzjoni ta' l-impjieg ghandha tittiehed fl-ambitu tac-cirkostanzi taghha u dan ovvjament wara debita deliberazzjoni lis-salvagwardji regoli kollha.

Jigi sottomess li l-procedura ta' dixxiplina kif esegwita u/jew applikata mis-socjeta intimata ma hi xejn felici kif ukoll arbitrarjament sommarja.

Ma gewx prodotti l-atti u/jew rapport tas-seduta fejn gie trattat il-kaz tal-appellant. Ma saret l-ebda notifika ufficjali jew almenu formali. Ix-xhieda instemghu fl- assenza tal-appellant.

La kien assistit minn persuna ta' fiducja tieghu, u wisq anqas kellu il-fakolta' li jezamina l-istess xhieda prodotti kontra tieghu. Jinghad pero li din il-laqgha saret jiem wara l-incident minghajr ma gie sottomess ghal xi passi ta' sospensjoni.

Dana kollu jirrizulta mix-xhieda tal- Human Resources Manager. Jigi ribadit li relazzjoni industrijali ma tigix esperjenzata b' dan il-mod. 'Due process' ma giex akkordat lil appellant (vide Sonny Borg vs Malta Fish Farms 16/6/03) u (Renato Briffa vs Diplomat Hotel Ltd 6/01/97). Proceduri dixxiplinarji ghandhom ikunu regolati, ippublicizzati u esegwiti skond il-principji tal-gustizzja naturali u l-appellant ikollu a konjizzjoni d-drittijiet tieghu meta rinfaccjat b' konsegwenza fatali bhala ma hi terminazzjoni tal-istess impjieg tieghu (vide S Aitchison vs PZM Fish Farm (27/10/97) u P Mamo vs Vassallo Builders Ltd(15/4/96).

Bl-applikazjoni tal-principju ta' gustizzja naturali, l-impjegat ghandu jkollu dritt li jiddefendi ruhu fl-eventwalita' li tali procedura

timporta terminazzjoni tal-impjieg (vide Sammy Borg vs Malta Fish Farming Ltd ; Renato Briffa vs Diplomat Hotel Ltd; Roland Schaffrath vs Travel T.V Plc – JRM 28/6/01)).

A bazi ta' tali nuqqasijiet ommassi mis-socjeta' mill-impjieg tikkostitwixxi ksur tal-kuntratt vigenti bejn il-partijiet datat 28 ta' April 2007. 'Theresa Micallef vs Palazzina Ltd Invetment' (14/12/98), 'Anthony Degaetano vs Planning Authority' (30/5/2005), 'David Mangion vs Melia Cable Television Ltd' (16/11/98).

Oltre minn hekk, irid jigi nvestigat jekk l-agir tal-appellant kienx daqstant gravi li jimmerita tkeccija immedjata minghajr ma gew konsiderati u/jew inflitti pieni diversi. L-allegazzjoni tas-socjeta intimata ossia l-versjoni kif moghtija minn Antoine Bonello mhux tali ma gietx korroborata minn ebda xhud iehor izda talli giet negata fil-gravita' taghha mill-istess appellant. Rinfaccjat b' tali sitwazzjoni, il-principal seta' fic-cirkostanzi kif lilu prezentati jagixxi diversament. Una volta l-appellant ma kienx impjegat direttament mal-Hotel izda ma' kumpanija li tipprovdi haddiema unikament dana seta' facilment intbaghat f' post iehor. Seta jigi sospiz bla paga u/jew jehel penali.

Kienet decizjoni frettuloza ghalkemm damu diversi jiem jahsbuha!

Il-piena trid tkun suffragata mill-azzjoni u/jew ommissjoni tal-appellant.

**Talba ghal Kumpens**

Illi l-appellant qed jitlob li tigi lilu llikwidata somma in linea ta' kumpens konsegwenti ghat-terminazzjoni tal-kuntratt ghal raguni mhux valida.

L-Art 36 (XIII) tal-Art XXII tas-sena 2002 jissanzjona terminazzjoni ta' kuntratt ghal raguni tajba u sufficjenti. Dana ma giex pruvat mill-principal. Jidhol allura in vigore Subinciz XI – cioe' l-impjegat irid jithallas nofs ir-rikavat ghaz-zmien pattwit fuq il-kuntratt. Ma jkun dovut xejn aktar f' kazijiet simili, a kuntrarju ta' impjieg ghal zmien indefinit.

Illi ai termini tal-kuntratt tax-xoghol ghal zmien definit datat 28 ta' April 2007 dan kellu validita' sat- 30 ta' Settembru 2007. L-impjieg gie terminat fil- 14 ta' Lulju 2007. Ir-rata kienet ta' lira u tmienja u tmenin (Lm 1.88) fis-siegha ghal tletin (30) siegha fil-gimgha moltiplikat bi tnax – il gimgha li jammontaw ghal elf sitt mija u sitta u sebghin Euro u erbgha u disghin centezmu (€1676.94).

## Konkluzjoni

It-Tribunal jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg ma saritx ghal raguni valida. Ghalhekk l-appellant ghandu jithallas is-somma ta' elf sitt mija u sitta u sebghin Euro u erbgha u disghin centezmu (€1676.94) lilu dovuti skond il-kuntratt tax-xoghol datata 28 ta ' April 2007..

Drittijiet jammontaw ghal sebghin Euro (€70).

**(iffirmat)** **Dr Joseph P Bonnici**
***Chairman.***

**VERA KOPJA**

**Graziella Spiteri**
**Ghas-Segretarju**